**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2017

Talba Numru: 248/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 32

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) kif surrogata fid-drittijiet taghha ta' l-assikurat Andrea Baldacchino u l-istess Andrea Baldacchino**

**Middlesea House**

**Floriana FRN 1442**

**Vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta,**

**Triq l-Ghassara tal-Gheneb,**

**Il-Furjana MRS 1917**

**U**

**Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar,**

**Kunsill Lokali Naxxar,**

**Vjal il-21 ta' Settembru,**

**Naxxar**

**It-Tribunal,**

Din hija sentenza in parte dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kunsill Lokali Naxxar li permezz taghha qed jeccepixxi n-nullita' tal-proceduri stante ma jirrizultax li giet ipprezentata xi ittra ufficjali jew protest ai termini tal-Artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra n-noti prezentati mill-partijiet.

Ra li l-ittra ufficjali tas-Socjeta' attrici giet prezentata wara li gew intavolati dawn il-proceduri.

Ra li l-Awtorita' konvenuta qed tirrimetti ruhha.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirrizulta li l-Kunsill konvenut ghandu ragun meta jghid li ma gietx intavolata ittra ufficjali fil-konfront tieghu qabel ma nbdew dawn il-proceduri liema proceduri jirrizultaw mill-atti li gew intavolati fil-05 ta' Lulju, 2016 u ghalhekk jonqos li tigi deciza l-eccezzjoni preliminari tal-istess Kunsill konvenut.

Li n-natura ta' din l-eccezzjoni diga giet deciza f'diveri sentenzi fosthom dik tal-11 ta' Jannar, 2012 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Imh L. Farrugia Sacco fil-kawza fl-ismijiet **Samantha Grima vs Kevin Micallef, Alan Bugeja, Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar, Maurice Attard, Sonlit Limited** u b'digriet tat-08 ta' Frar, 2011 l-atti ghaddew f'isem Stephen Balzan bhala stralcarju. F'din is-sentenza il-Qorti riteniet fost ohrajn li dak li jirrikjedi l-artikolu 460(1) tal-Kap 12 hu li tintbaghat ittra ufficjali u li ma jibdewx procedimenti kontra l-Gvern jew kontra xi Awtorita' imwaqfa bil-Kostituzzjoni (*against any authority established by the constitution).* L-Artikolu 115A tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li l-Kunsilli Lokali permezz tal-Att XIII tal-2001 gew imwaqqfa bil-Kostituzzjoni u ghalhekk jaqa' fit-termini tal-Artikolu 460(1) b'mod li l-formalitajiet rikjesti saru necessarji '*ad validitatem'* fi procedimenti kontra Kunsilli Lokali.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Minhabba n-natura tal-eccezzjoni, spejjez fuq din l-eccezzjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

It-Tribunal jordna li l-kawza titkompla kontra l-Awtorita' intimata.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**